*Il-Birgu u l-"Castrum Maris" fiż-Żminijiet tan-Nofs Tardivi — (6)*

# IL-KAVALLIERI TA' SAN ĠWANN JISTABBILIXXU RWIEĦHOM FIL-KASTELL

**IL-"CASTRUM MARIS" aktarx li kien fl-aqwa tiegħu fis-sekli 13 u 14. Fis-seklu 15 beda proċess gradwali ta' deklin li kien dovut prinċipalment għal żewġ affarijiet: (a) l-iżvilupp ta' l-armi tan-nar bħala għodda tal-gwerra u (b) it-tkattir tal-qawwa tal-furbani tal-Barbarija — speċjalment il-Hafsid tat-Tuneżija — u tat-Torok Ottomani. Aktarx li l-prosperità tal-Birgu kienet effettwata wkoll.**

**Minn MARIO BUHAGIAR,**
**B.A. Hons. (Lond.), M. Phil. (Lond.)**



IL-PITTURA TAL-KOPPLA TAL-KNISJA TA' SAN LAWRENZ, xogħol Ignazio Cortis, li turi r-rebħa tal-Kavallieri fuq it-Torok fl-Assedju l-Kbir. Din il-pittura sfat meqruda meta l-koppla ġġarrfet fl-aħħar gwerra.

**Il-Hafsid attakkaw lil Malta fl-1423 u, għal darba oħra, fl-1429, meta ġew bi flotta kbira u ħallew ħerba sħiħa warajhom. Wara dan l-attakk, Guttierez de Nava ġab numru ta' rinforzi minn Sqallija u l-Kastell ġie msaħħaħ. B'danakollu l-periklu ta' invażjoni baqa' dejjem kbir u t-Torok ħabtu għall-Birgu u għamlu straġi fl-1488 (71) Id-difiża ta' Malta saret biċċa wġiegħ ir-ras għall-Kuruna Aragoniża, u kien minħabba f'dan il-fatt aktar minn kull konsiderazzjoni oħra li, fl-1530, l-Imperatur Karlu V iddeċieda li jagħti l-Gżejjer Maltin lill-Kavallieri ta' San Ġwann.**

Qabel ma laqa' l-offerta ta' Karlu V, il-Gran Mastru Jean Villiers de L'Isle Adam bagħat f'Malta kummissjoni biex tħejji rapport fuq il-Gżejjer Maltin. Din waslet Malta fl-1524 u wieħed mill-ewwel postijiet li żaret kien il-*Castrum Maris*. Sabuh fi stat ta' dilapidazzjoni u mgħammar ħażin b'għodod tal-gwerra li kien ilu li għadda żmienhom. Dawn l-anqas biss kienu kapaċi jikkontrollaw il-Port il-Kbir f'każ ta' assedju. Kien hemm fil-Kastell erbgħin dar u kien hemm foss li kien jifirdu mill-Birgu (72). Dan ukoll ma tantx kien fi stat sabiħ imma l-Kavallieri, meta stabbilew ruħhom f'Malta, għażlu li jwaqqfu fih il-kunvent tagħhom u l-Gran Mastru ħa d-dar tal-Kastellan fil-*Castrum Maris* bħala r-residenza uffiċjali tiegħu. B'hekk il-Kastell u l-Birgu ġew injettati b'ħajja ġdida u daħlu fl-iżjed perijodu glorjuż ta' l-istorja mżewwqa tagħhom.

Jean Quintin d'Autun, li serva f'Malta bħala "uditur" tal-Gran Mastru L'Isle Adam, ħalla hekk miktub fuq il-Birgu u l-Kastell tiegħu fil-ktieb tiegħu *"Insulae Melitae Descriptio"*, stampat f'Lyons, fi Franza, fl-1536.

**"... Il-Kastell huwa mqiegħed fuq quċċata għolja ta' blata diffiċli tixxabbat magħha, mħaffra d-dawra kollha u mimlija preċipizzji. Jinsab fin-naħa tal-lvant tal-Port u jħares lejn it-tramuntana. Sa ftit taż-żmien ilu kien qisu gorboġ ġebel, mimli rovini u se jaqa' u ma jaqax; illum, għall-kuntrarju, qed jiġi ffortifikat mingħajr waqfien u, jekk ikomplu sejrin hekk, dawn ix-xogħlijiet flimkien mal-qagħda preċipituża u b'saħħitha li tagħtu n-natura, sejrin dlonk jagħmluh invinċibbli hekk li l-ebda għadu ma jkun jista' jirbħu la bl-għodod tal-gwerra u l-anqas b'attakk dirett; il-ġuħ biss ikun jista' għalih. Ġo fih igħammar l-illustrissimu Kap ta' l-Ordni ta' Ġerusalemm. F'riġlejn il-Kastell hemm raħal — illum minħabba n-nies li tgħix fih u s-swar li jdawwruh, tista' ssejjaħlu belt. Dan huwa mibni kollu kemm hu fuq l-għolja jew aħjar imħaffer ġo fiha. Flimkien mal-Kastell, ix-xtut tiegħu... huma maħsula mill-mewġ tal-baħar tal-Port ... Hawnhekk, b'inkonvenjenza kbira, jaħdem il-Kunvent tal-Kavallieri Ġerosolmitani: għax, bħall-kumplament tal-Gżira, dan il-port huwa miftuħ għall-irjieħ kollha. Id-djar huma mimlijin fissuri u fi stat ta' rovina, b'ħitan immermra u mhux kompluti u l-pedamenti huma dgħajfa... il-bjut magħmula addoċċ u miksija jew bil-madum jew bil-qasab: ħwejjeġ tassew tal-biża' ..." (73).**

Hekk raw il-Birgu l-Kavallieri, imma fi ftit tas-snin, ittrasformawh f'belt prospera u ġabu arkitetti ta' ħila biex jibnulhom il-bereġ u l-palazzi. Bħala Knisja Konventwali ħadu l-knisja ta' San Lawrenz li, tista' tgħid, reġgħu bnew mill-ġdid aktarx fi stil gotiku li ġabu magħhom minn Rodi (74). Kienet f'din il-knisja li kienu jinġabru għall-funzjonijiet liturġiċi tagħhom bħala Ordni Reliġjuż. U kien fiha li ntonaw it-Te Deum solenni fil-jum glorjuż tat-8 ta' Settembru 1565, meta, bl-għajnuna tal-Maltin, ħarġu rebbieħa mill-prova qalila ta' l-Assedju l-Kbir.

TMIEM



Il-Forti Sant'Anġlu (Castrum Maris) li juri wkoll id-dar tal-Kastellan mibnija mill-ġdid għall-ħabta ta' żmien l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 (minn inċiżjoni ta' Matteo Perez d'Aleccio, miżmuma fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija fil-Belt Valletta).

**REFERENZI:**

71. Luttrell, **Approaches**, 51-52.
72. Għar-rapport tal-kummissjoni ara G. Bosio, **Dell'Istoria della Sacra Religione et Ill.ma Militia di S.. Giov. Gierosolimitano**, vol. III (1602), 30-31, 89.
73. **The Earliest Description of Malta (Lyons 1536) by Jean Quintin D'Autun — Translation and Notes by Horatio C.R. Vella**, Malta 1980. Ix-xogħol ta' Quintin kien l-ewwel deskrizzjoni stampata ta' Malta.
74. Il-Knisja l-qadima kienet sofriet ħsarat kbar bin-nar fl-1 ta' April 1932: ara A. Zammit Gabarretta, **The Church of the Grand Masters and Inquisitors**, Malta 1974, 9-10.